

Il-Ġurnal Uffiċjali C 400

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

24 ta' Novembru 2020

Werrej

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

il-Kunsill

2020/C 400/01	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar ir-rwol tal-UE fit-tisħiħ tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa	1
---------------	--	---

Il-Kummissjoni Ewropea

2020/C 400/02	Rata tal-kambju tal-euro — It-23 ta' Novembru 2020	4
---------------	--	---

2020/C 400/03	Kummissjoni Amministrattiva tal-komunitajiet Ewropej għas-sigurtà soċjali għall-ħaddiema migranti Rati ta' kambju ta' muniti konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72	5
---------------	---	---

Il-Qorti tal-Awdituri

2020/C 400/04	Rapport Speċjali 24/2020 “Il-kontroll tal-fużjonijiet fl-UE u l-proċedimenti tal-antitrust tal-Kummissjoni: jeħtieġ li tiżdied is-sorveljanza tas-swieq”	7
---------------	--	---

L-Ombudsman Ewropew

2020/C 400/05	Rapport Annwali 2019	8
---------------	----------------------------	---

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2020/C 400/06	Tagħrif li taw l-istati membri rigward l-għeluq tas-sajd	9
---------------	--	---

IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

**Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar ir-rwol tal-UE
fit-tisħiħ tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa**

(2020/C 400/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

1. JIRRIKONOXXU li l-pandemija tal-COVID-19, u l-konsegwenzi tagħha soċjali, ekonomiċi u fuq is-saħħa, komplew jissottolinjaw il-ħtieġa, fost l-oħrajn, għal kooperazzjoni multilaterali globali b'saħħitha, għal kapaċitajiet globali b'saħħithom fil-qasam tas-saħħa u għal rispons globali għall-isfidi fil-qasam tas-saħħa. Abbażi tal-mandat tagħha, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) taqdi rwol ċentrali bħala l-awtorità li tmexxi u tikkoordina l-indirizzar tal-isfidi globali tas-saħħa, inkluż it-tħejjija u r-rispons għal tifqigħat, u l-prevenzjoni u d-detezzjoni tagħhom.
2. JIRRIKONOXXU r-rwol moqdi mid-WHO bħala segretarjat taċ-ċentru ta' koordinazzjoni tal-Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19 (ACT).
3. IKOMPLU JIRRIKONOXXU, li, filwaqt li d-WHO għandha mandat wiesa', l-aħħar pandemiji wrew li l-aspettattivi tal-komunità internazzjonali, filwaqt li jvarjaw skont il-kuntesti nazzjonali, ġeneralment jegħlbu l-kapaċitajiet attwali tad-WHO u l-abbiltà tagħha li tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' sistemi tas-saħħa b'saħħithom u reżiljenti li jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja lil dawk fil-bżonn, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, inkluż matul il-pandemiji.
4. JENFASIZZAW ir-rwol tad-WHO fl-għoti ta' appoġġ, inkluż appoġġ tekniku u ta' emerġenza, lill-pajjiżi l-aktar vulnerabbli.
5. IFAKKRU li r-rieżamijiet u l-evalwazzjonijiet wara l-epidemija tas-Sindromu Respiratorju Akut Gravi (SARS-CoV), il-pandemiji tal-influenza H1N1 u t-tifqigħa tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent enfasizzaw nuqqasijiet fil-kapaċità globali ta' tħejjija għat-tifqigħat u r-rispons għalihom, u għamlu bosta rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet. Sa ċertu punt, dawk ir-rakkomandazzjonijiet irriżultaw f'azzjonijiet ta' min ifaħħarhom, bħar-reviżjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (IHR) fl-2005 u l-istabbiliment tal-Programm tad-WHO dwar l-Emerġenzi tas-Saħħa u l-Kumitat Indipendenti ta' Sorveljanza u Konsulenza għall-Programm tad-WHO dwar l-Emerġenzi tas-Saħħa (IOAC) wara t-tifqigħa tal-Ebola msemmija hawn fuq.
6. JIEĦDU NOTA tal-isfidi, fost l-oħrajn, f'termini ta' trasparenza, sinerġiji, finanzjament u responsabbiltà li d-WHO tiffaċċja fis-sitwazzjoni ġeopolitika attwali, u tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rieżamijiet u l-evalwazzjonijiet imwettqa f'dawn l-aħħar snin, kif ukoll ir-rieżamijiet u l-evalwazzjonijiet li għaddejjin bil-ħsieb li jiġu identifikati soluzzjonijiet għal dawn l-isfidi. JIEĦDU NOTA WKOLL tal-isforzi li għaddejjin biex l-organizzazzjoni tiġi trasformata permezz tal-"Aġenda ta' Trasformazzjoni tad-WHO" u l-"miri ta' biljun triplu" fit-13-il-Programm Ġenerali ta' Ħidma tad-WHO.

7. IFAKKRU fir-rwol ta' koordinazzjoni u ta' tmexxija tal-UE u l-Istati Membri tagħha fit-tnedija u n-negozjar tar-riżoluzzjoni WHA73.1 tad-WHO, tad-19 ta' Mejju 2020, dwar ir-rispons għall-COVID-19.
8. JESPRIMU l-appoġġ tagħhom għall-proċess ta' evalwazzjoni mibdi mid-WHO, JILQGĦU l-istabbiliment tal-Panel Indipendenti għat-Thejjiċja u r-Rispons għall-Pandemiji ("IPPR") u JENFASIZZAW il-ħtieġa għall-imparzjalità, l-indipendenza u l-komprensività tiegħu, kif ukoll li l-ħidma tiegħu tkun tal-ogħla kwalità possibbli.
9. JILQGĦU t-tlaqqiġ mid-WHO ta' Kumitat ta' Reviżjoni dwar il-Funzjonament tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (Kumitat ta' Reviżjoni tal-IHR), u l-kollaborazzjoni tiegħu mal-IOAC, l-IPPR u korpi rilevanti oħra, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza li din il-ħidma tkun komplementari u allinjata mal-inizjattivi eżistenti u li għaddejjin bħalissa. IFAKKRU fir-riżoluzzjoni adottata mill-146 Bord Eżekuttiv (EB146.R10) bit-titolu "It-Tisħiħ tat-Thejjiċja għall-Emerġenzi tas-Saħħa: l-implimentazzjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005)" U JINNOTAW ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' Monitoraġġ tat-Thejjiċja Globali dwar it-tisħiħ tat-thejjiċja u r-rispons globali.
10. JENFASIZZAW, f'dan il-kuntest ta' riforma, l-importanza tal-approċċ Saħħa Waħda għall-prevenzjoni u l-indirizzar ta' emerġenzi tas-saħħa, u jinkoraġġixxu riflessjoni dwar l-ankraġġ istituzzjonali u organizzattiv tal-approċċ Saħħa Waħda fil-livell globali.

ABBAŻI TA' DAN, IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGħIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

11. HUMA IMPENJATI li jiżguraw li l-UE u l-Istati Membri tagħha, abbażi tal-impenn tagħhom għall-multilateraliżmu, ikomplu jassumu rwol ta' tmexxija fis-saħħa globali, u HUMA DETERMINATI li jiżguraw rwol proattiv, ta' koordinazzjoni u ta' tmexxija fi proċess inklużiv immirat lejn it-tisħiħ tas-sigurtà tas-saħħa globali u d-WHO, b'mod partikolari l-kapaċità ta' din tal-aħħar fit-thejjiċja u r-rispons f'emerġenzi tas-saħħa u li jeżaminaw l-eżiti futuri mill-IPPR, mill-Kumitat ta' Reviżjoni tal-IHR u mill-IOAC bil-għan li dawn jissarf u f'azzjonijiet kif ukoll biex jiġu appoġġati l-Istati Membri tad-WHO permezz tat-tisħiħ ta' sistemi tas-saħħa nazzjonali u ta' politiki tas-saħħa pubblika. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jkun hemm djalogu kostanti u b'saħħtu mal-Istati Membri tad-WHO.
12. JIKKONKLUDU, filwaqt li jirrikonoxxu kuntesti nazzjonali differenti, li hemm il-ħtieġa li tiġi indirizzata d-disparità bejn l-aspettattivi tal-Istati Membri tad-WHO fir-rigward tal-organizzazzjoni u l-kapaċitajiet tagħha u SER IKOMPLU JIMPENJAW RUĦHOM mal-Istati Membri l-oħra tad-WHO fil-korpi governattivi tal-organizzazzjoni biex jippromwovi azzjonijiet xierqa dwar l-aħjar triq 'il quddiem.
13. JIRRIKONOXXU li l-indirizzar tal-isfidi li attwalment qed tiffaċċa d-WHO, fost l-oħrajn, f'termini ta' trasparenza, sinerġji, finanzjament prevedibbli u sostenibbli, u responsabbiltà, kif ukoll dawk relatati mar-rispons tagħha għall-pandemija attwali u d-disparità bejn l-aspettattivi tal-Istati Membri tad-WHO u l-kapaċitajiet tal-organizzazzjoni, jenħtieġ li jitwettagħ bħala prijorità fil-korpi governattivi tagħha.
14. JINKORAĠĠIXXU lill-atturi rilevanti kollha, inkluż atturi oħra tas-saħħa globali u atturi mhux statali biex b'mod konġunt isaħħu l-kapaċità tad-WHO fil-prevenzjoni, it-thejjiċja u r-rispons, filwaqt li fl-istess ħin JISĦQU FUQ l-importanza li jkomplu jissaħħu s-shubji kif ukoll l-indipendenza, il-ħidma normattiva, il-kapaċità teknika, ir-responsabbiltà, l-effiċjenza, l-effettività u t-trasparenza tal-organizzazzjoni.
15. JISĦQU FUQ il-fatt li Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) imsaħħaħ jista' jaqdi rwol kruċjali f'tifqiġħat futuri u li jenħtieġ li tkompli tiġi esplorata kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-ECDC u d-WHO.
16. JENFASIZZAW l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-IHR u JISĦQU FUQ li, mingħajr preġudizzju għar-rapporti finali u r-rakkomandazzjonijiet tal-mekkaniżmi ta' rieżami u evalwazzjoni li għaddejjin, is-suġġerimenti għal miżuri li ġejjin, fost l-oħrajn, fir-rigward tar-reviżjoni tal-IHR, jistgħu jiġu previsti u jistgħu jikkontribwixxu għall-ħidma tal-IPPR, l-IOAC, il-Bord ta' Monitoraġġ tat-Thejjiċja Globali (GPMB) u l-Kumitat ta' Reviżjoni tal-IHR. Dawn il-miżuri jinkludu:

- jenħtieġ li tiġi kkunsidrata reviżjoni tas-sistema ta' twissija għal dikjarazzjoni ta' Emerġenza tas-Saħħa Pubblika ta' Rilevanza Internazzjonali (PHEIC); dan jenħtieġ li jippermetti livelli differenzjati ta' allerti, bħal sistema ta' dawl tat-traffiku, li trawwem it-trasparenza tal-miżuri u ttejjeb il-preċiżjoni fil-komunikazzjoni dwar it-theddid għas-saħħa pubblika;
 - tista' ssir distinzjoni skont l-IHR bejn restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u dawk tal-kummerċ, jiġifieri li ssir distinzjoni bejn miżuri rigward it-trasport ta' persuni u dawk rigward it-trasport ta' prodotti bażiċi sabiex tiġi evitata ħsara bla bżonn lill-ekonomiji;
 - il-possibbiltà ta' valutazzjoni epidemjoloġika indipendenti fuq il-post f'żoni ta' riskju għoli f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-istat parti;
 - aktar trasparenza fil-konformità nazzjonali mal-IHR, flimkien ma' sistema ta' rappurtar aktar effettiva u applikata b'mod konsistenti mill-Istati Partijiet għas-Segretarjat tad-WHO, kif ukoll it-tisħiħ ta' evalwazzjonijiet esterni konġunti u s-segwitu tagħhom;
 - evalwazzjoni tal-effetti pożittivi u negattivi tal-attivitajiet implimentati ta' rispons u eżami tal-lakuni eżistenti fl-għarfien sabiex jiġi determinat liema għodod jistgħu jkunu meħtieġa fil-livell tal-pajjiż biex jiggwidaw l-azzjonijiet;
 - impenn biex ikompli jissaħħa ir-rwol normattiv u, fejn xieraq, il-kapaċità tad-WHO. Riflessjonijiet f'dan il-kuntest jistgħu jinkludu t-tisħiħ possibbli tal-Uffiċċju tax-Xjenzjat Prinċipali flimkien mar-rwol tal-uffiċċji reġjonali u tal-pajjiżi, l-inkoraġġiment tad-WHO biex ittejjeb u tiżviluppa approċċi ġodda biex torbot is-saħħa mat-tkabbir sostenibbli u biex issaħħa l-immappjar u l-fehim tal-ekonomija tas-saħħa globali u tkompli tiżviluppa l-Akkademja tad-WHO;
 - it-tisħiħ tal-isforzi tad-WHO biex jinħolqu sinerġji fit-tnejn u r-rispons mal-atturi rilevanti kollha u biex jiġu appoġġati dawk l-aktar vulnerabbli;
 - it-tisħiħ tal-kooperazzjoni "tripartitika" bejn id-WHO, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) u mal-Programm Ambjentali tan-NU (UNEP) biex jitravwem l-approċċ Saħħa Waħda għall-mard zoonotiku.
17. JISSOTTOLINJAW li l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw bis-sħiħ ir-rwol ta' tmexxija u ta' koordinazzjoni tad-WHO fis-saħħa globali u għaldaqstant ser jippromwov u l-implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri ta' riforma meħtieġa tad-WHO abbażi tar-riflessjonijiet dwar il-punti msemmija hawn fuq kif ukoll ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti bil-għan li tissaħħa l-organizzazzjoni, fit-tliet livelli tagħha, u biex jiġi żgurat segwitu mill-korpi governattivi tad-WHO.
-

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-23 ta' Novembru 2020

(2020/C 400/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1901	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5530
JPY	Yen Ġappuniż	123,47	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,2257
DKK	Krona Daniża	7,4472	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7082
GBP	Lira Sterlina	0,88888	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5955
SEK	Krona Żvediża	10,2145	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 323,33
CHF	Frank Żvizzeru	1,0806	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	18,2466
ISK	Krona Iżlandiża	161,10	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8178
NOK	Krona Norveġiża	10,6903	HRK	Kuna Kroata	7,5615
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 844,67
CZK	Krona Ċeka	26,311	MYR	Ringgit Malażjan	4,8681
HUF	Forint Ungeriż	360,21	PHP	Peso Filippin	57,339
PLN	Zloty Pollakk	4,4735	RUB	Rouble Russu	90,3507
RON	Leu Rumun	4,8740	THB	Baht Tajlandiż	36,048
TRY	Lira Turka	9,2636	BRL	Real Brażiljan	6,3795
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6233	MXN	Peso Messikan	23,7978
			INR	Rupi Indjan	88,1040

(¹) Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ GĦAS-SIGURTA' SOĊJALI
GĦALL-ĦADDIEMA MIGRANTI**

Rati ta' kambju ta' muniti konformi mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72

(2020/C 400/03)

Artiklu 107 (1), (2) u (4) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72

Perjodu ta' referenza: Ottubru 2020

Perjodu ta' applikazzjoni: Jannar, Frar, Marzu 2021

ottubru-20	EUR	BGN	CZK	DKK	HRK	HUF	PLN
1 EUR =	1	1,95580	27,2131	7,44238	7,57465	362,529	4,54144
1 BGN =	0,511300	1	13,9141	3,80529	3,87291	185,361	2,32204
1 CZK =	0,0367470	0,0718697	1	0,273485	0,278345	13,3218	0,166884
1 DKK =	0,134366	0,262792	3,65651	1	1,01777	48,7114	0,610213
1 HRK =	0,132019	0,258204	3,59266	0,982538	1	47,8608	0,599558
1 HUF =	0,00275840	0,00539488	0,0750648	0,020529	0,0208939	1	0,0125271
1 PLN =	0,220195	0,430657	5,99219	1,63877	1,66790	79,8269	1
1 RON =	0,205139	0,401211	5,58248	1,52672	1,55386	74,3688	0,931626
1 SEK =	0,096184	0,188117	2,61747	0,715839	0,728561	34,8695	0,436814
1 GBP =	1,10204	2,15536	29,9899	8,20177	8,3475	399,520	5,00483
1 NOK =	0,091558	0,179070	2,49159	0,681413	0,693523	33,1926	0,415807
1 ISK =	0,00611060	0,0119511	0,166289	0,0454774	0,0462856	2,21527	0,027751
1 CHF =	0,931178	1,82120	25,3403	6,93017	7,05334	337,579	4,22888

Source: ECB

ottubru-20	RON	SEK	GBP	NOK	ISK	CHF
1 EUR =	4,87474	10,39672	0,907411	10,92198	163,650	1,07391
1 BGN =	2,49245	5,31584	0,463959	5,58441	83,6742	0,549089
1 CZK =	0,179132	0,382048	0,033345	0,401350	6,01364	0,0394629
1 DKK =	0,654998	1,39696	0,121925	1,46754	21,9889	0,144297
1 HRK =	0,643560	1,37257	0,1197959	1,44191	21,6050	0,141777
1 HUF =	0,0134465	0,0286783	0,00250301	0,0301272	0,451413	0,00296227
1 PLN =	1,073392	2,28930	0,199807	2,40496	36,0349	0,236469
1 RON =	1	2,13277	0,186146	2,24053	33,5710	0,220301
1 SEK =	0,468873	1	0,0872786	1,05052	15,7405	0,103293
1 GBP =	5,37214	11,4576	1	12,0364	180,348	1,18349

1 NOK =	0,446324	0,951908	0,0830812	1	14,9835	0,098325
1 ISK =	0,029788	0,063530	0,00554483	0,0667399	1	0,00656223
1 CHF =	4,53925	9,68119	0,844961	10,17030	152,387	1

Source: ECB

Nota: il-valuti inkroċjati kollha li jinvolvu l-ISK huma kkalkolati bl-użu ta' dejta tar-rati ISK/EUR mill-Bank Ċentrali tal-Islanda.

reference: ottubru-20	1 EUR in national currency	1 unit of N.C. in EUR
BGN	1,95580	0,511300
CZK	27,2131	0,0367470
DKK	7,44238	0,134366
HRK	7,57465	0,132019
HUF	362,529	0,00275840
PLN	4,54144	0,220195
RON	4,87474	0,205139
SEK	10,39672	0,096184
GBP	0,907411	1,10204
NOK	10,92198	0,091558
ISK	163,650	0,00611060
CHF	1,07391	0,931178

Source: ECB

Nota: Ir-rati ISK/EUR msejsa fuq dejta mill-Bank Ċentrali tal-Islanda.

- Regolament (KEE) Nru 574/72 jgħid li r-rata ta' kambju ta' ammonti ta' flus f'munita meta mqabbla ma' Ir-munita oħra tkun ir-rata kkalkulata mill-Kummissjoni u bbażata fuq il-medja ta' xahar, matul il-perjodu speċifikat f'paragrafu 2 tar-rati tal-kambju referenza, ippubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.
- Il-perjodu ta' referenza jkun:
 - ix-xahar ta' Jannar għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' April ta' wara,
 - ix-xahar ta' April għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' Lulju ta' wara,
 - ix-xahar ta' Lulju għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' Ottubru ta' wara,
 - ix-xahar ta' Ottubru għar-rati ta' kambju applikabbli mill-1 ta' Jannar ta' wara.

Ir-rati tal-kambju jiġu ppubblikati fit-tieni Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje C) tax-xhur ta' Frar, Mejju, Awwissu u Novembru.

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali 24/2020

“Il-kontroll tal-fużjonijiet fl-UE u l-proċedimenti tal-antitrust tal-Kummissjoni: jeħtieġ li tizzied is-sorveljanza tas-swieq”

(2020/C 400/04)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali 24/2020 “Il -kontroll tal-fużjonijiet fl-UE u l-proċedimenti tal-antitrust tal-Kummissjoni: jeħtieġ li tizzied is-sorveljanza tas-swieq” għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew inniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: <http://eca.europa.eu>

L-OMBUDSMAN EWROPEW

Rapport Annwali 2019

(2020/C 400/05)

Fil-5 ta' Meju 2020, l-Ombudsman Ewropew bagħtet ir-Rapport Annwali tagħha għas-sena 2019 lill-President tal-Parlament Ewropew.

Ir-Rapport Annwali huwa disponibbli fuq is-sit uffiċjali tal-internet tal-Ombudsman Ewropew, bl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni: <http://www.ombudsman.europa.eu/mt/activities/annualreports.faces>

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Tagħrif li taw l-istati membri rigward l-għeluq tas-sajd

(2020/C 400/06)

F'konformità mal-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, ittieħdet deċiżjoni li s-sajd jingħalaq kif stipulat fit-tabella ta' hawn taħt:

Data u ħin tal-għeluq	1 ta' Ottubru 2020
Tul ta' żmien	Mill-1 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020
Stat Membru	Il-Belġju
Stokk jew Grupp ta' stokkijiet	ANF/*8ABDE (kondizzjoni speċjali għall-ANF/07.)
Speċi	Petriċa (<i>Lophiidae</i>)
Żona	8a, 8b, 8d u 8e
Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd	—
Numru ta' referenza	21/TQ123

(¹) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)